MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Numru 1279/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**CHRISTIAN CARDONA ta’ 19-il sena, bin Joseph Mary u Josephine nee’ Vella, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Lulju 1988, residenti f’ St. Joseph Farm, Ta’ Hrieri, Siggiewi, u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 348888(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Christian Cardona u cioe` talli f’dawn il-Gzejjer, f’xi perijodu bejn Awissu 2006 u Settembru 2006, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti

immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghad-dannun ta'l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat generali tal-24 ta' Settembru 2007, sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta ta'l-10 ta' Dicembru 2007 minn fejn irrizulta illi ghar-rigward tal-fatti ta' dana il-kaz, id-difiza qabblet illi huma dawk kif esposti mill-Ufficjal Prosekutur fil-kors tax-xhieda tieghu u li fid-dawl ta' dina id-dikjarazzjoni il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi ohra xi jressqu.

Ikkunsidrat;

Illi kif diga inghad iktar 'il fuq, ghar-rigward tal-fatti ta' dana il-kaz jidher illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni. Huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat kien ottjena il-licenzja tas-sewqan tieghu minghajr ma kien ghamel it-test tat-tejorija kif suppost kellu jsir. Huwa ghamel it-test biss tas-sewqan u wara ottjena il-licenzja tal-kategorija B. Huwa kien tressaq ghal dana it-test minn Delmar Motoring School. L-imputat hallas lil dana Delmar is-somma ta' Lm50 li koprew l-ispejjez sabiex saret l-applikazzjoni. Jidher illi l-imputat kien kellem lill-instructor tieghu, certu Delmar, u wrieh ix-xewqa li igib il-licenzja kemm jista' ikun malajar u qallu ukoll li kien qieghed jibza' mit-test tat-tejorija. Fil-fatt dana Delmar qallu li seta' jirrangalu sabiex ma jaghmilx it-test tat-tejorija u jaghmel dak tas-sewqan biss. Kif kellu jaghmel dana Delmar, l-imputat ighid li ma jafx u lanqas staqsa lil dana Delmar x'kien ser jaghmel. Jidher illi xi ftit taz-zmien wara kienu baghtu ghalih sabiex ipoggi ghat-test prattiku u hu hekk kien ghamel, ghadda u ottjena il-licenzja tas-sewqan. Lil dana Delmar ma ghaddielux iktar flus ghajr l-Lm50 u l-hlas tal-lezzjonijiet.

Il-Qorti tosserva illi l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ghar-rigward tal-mezz kif l-imputat irnexxielu jevita milli jaghmel it-test tat-teorija. Huwa biss mill-istqarrijiet, esebiti a fols.17 sa 20, tal-process, fejn jista' jirrizulta dak illi kellu f'mohhu l-imputat. Huwa fatt mhux ikkontestat, illi l-imputat ottjena il-licenzja tas-sewqan minghajr ma ghamel it-test tat-teorija. Jidher illi l-imputat kien ben konxju ta' dana il-fatt u jidher ukoll illi wera x-xewqa illi ma jaghmilx dana it-test lil dana Delmar, li kien ser iressqu ghat-test in kwistjoni. Lil Delmar qallu ukoll illi huwa kellu bzonn jottjeni l-licenzja tas-sewqan kemm jista' ikun malajr. Flus sabiex huwa seta' jikseb il-licenzja b'dana il-mod ma hallasx. Il-hlas illi huwa ghamel fil-fatt jidher illi kien hlas legittimu ghal-lezzjonijiet tas-sewqan u ghall-ispejjez necessarji li iridu jithallsu sabiex wiehed joqoghod ghal dana t-test.

Illi mic-citazzjoni, jirrizulta illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-frodi jew truffa kif previst fl-artiklu 308 tal-Kodici Kriminali. Biex jisussti dana it-tip ta' reat gie ritenut kostanatament fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reta konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax isehh. Illi f'sentenza deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, Il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice***

***Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil_kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kntra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li

hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell’ articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e’ necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

Ghar-reati ta’ truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita’ specifika li sservi ta’ supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b’hekk bhala mezz ta’ qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta’ dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta’ apparat estern li jirrivesti bi kredibilita’ l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta’ verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fis-sdritt Franciz mise-en-scene.”***

***“….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe’ kwantu jirrigwarda d-dolo ta’ dan ir-reat ta’ truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b’ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem “bi hsara ta’ haddiehor” ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali***

***tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frosi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkowtat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi mill-akkuza odjerna jidher illi is-suggett passiv ta' dana ir-reat huwa l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, l-awtorita li tohrog il-licenzji tas-sewqan. Illi ghalhekk il-Qorti trid tistabbilixxi in-ness bejn is-suggett attiv u cioe' l-imputat u is-suggett passiv jew l-allegat vittma ta' dana ir-reat. Illi sabiex jigi stabbilit dana in-ness, il-Qorti trid

tezamina jekk l-imputat b'xi mezz materjal, raggiri jew artifizji - 'l hekk ismejjah mis-en- scene, wasal sabiex jinganna il-vittma tieghu u cioe' l-ADT. Illi mill-provi migjuba kif inghad iktar 'il fuq, kull ma ghamel l-imputat kien illi talab lid-*driving instructor* tieghu sabiex iressqu ghat-test kemm jista' ikun malajr u sabiex jara jistax jevitalu milli jaghmel it-test tat-tejorija. Iktar minn hekk l-imputat ma ghamilx u kif diga inghad lanqas hallas xi flus lil dana Delmar sabiex ighinu f'dana ir-rigward. Ghaldaqstant f'dan il-kaz ma jirrizultaw l-ebda artifizji jew mezzi materjali adoperati mill-imputat ai fini tal-kummissjoni ta' dana ir-reat. Mhux biss hekk, talli l-imputat lanqas biss jaf x'ghamel Delmar sabiex huwa ma jaghmilx it-test tat-tejorija. L-uniku haga li ighid huwa illi huwa kien jaf illi dana it-test kien wiehed mir-rekwiziti necessarji sabiex jottjeni il-licenjza tas-sewqan, u li dana it-test huwa ma ghamlux. Kien ghalhekk x'aktarx dana Delmar illi uza dawn l-artifizji sabiex jinganna u mhux l-imputat! Madanakollu x'ghamel ezattament dana Delmar, jew jekk ghamilx xi haga Delmar, ma jirrizultax mill-provi.

Ghar-rigward tat-telf patrimonjali jew dannu ekonomiku soffert mill-vittma tar-reat, wiehed jistaqsi, x'kien dana it-telf patrimonjali li sofriet L-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta. Illi f'sentenza moghtija mill-Cassazione Sez.Un.16.12.1998, il-Qorti sostniet f'dana ir-rigward: ***"Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene."*** Illi dina l-kawza kienet tirrigwarda impjieg ottjenut indebitament mill-akkuzat bhala ufficjal pubbliku. Il-Qorti dahhlet sabiex tezamina x'setghu kienu d-danni subiti mill-amministrazjoni pubblika minhabba l-kummissjoni ta' dana ir-reat. Illi ghalhekk f'dana il-kaz wiehed jistaqsi – x'kien it-telf patrimonjali jew danni ekonomici subiti mill-Awtorita'.

Jidher illi il-hlas li kellu isir sabiex l-imputat joqghod ghat-test tas-sewqan thallsu u ma kien hemm l-ebda spiza li setghet ghamlet l-Awtorita li ma kenitx giet koperta mill-imputat bil-hlas illi ghamel. Kwindi l-Awtorita ma soffriet mill-ebda telf patrimonjali u fi kawlunkwe kas anke jekk dina setghet garrbet xi telf provi f'dana ir-rigward ma ingiebux u dana peress illi l-ebda rapprezentant mill-Awtorita Dwar it-Trasport ma xehed f'dana ir-rigward. Maghdud dana kollu jirrizulta bl-iktar mod car illi ma hemm l-ebda ness bejn is-suggett attiv ta' dana ir-reat u cioe' l-imputat u is-suggett passiv u cioe' l-Awtorita Dwar it-Trasport – ir-reat huwa nieqes kemm mill-element materjali kif ukoll mill-element formali tieghu kif imfisser iktar 'il fuq.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fil-fattispecje ta'dana il-kaz, ma tirravizax l-elementi rikjesti mill-ligi fl-artikolu 308 ghall-kummissjoni tar-reat tal-frodi. Illi peress illi mill-provi ma jirrizultax il-mod adoperat sabiex l-imputat evita milli jaghmel it-test tat-tejorija, il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi sabiex tezamina jekk bil-gidba tieghu u cioe' bil-fatt illi l-imputat ottjena il-licenzja tas-sewqan meta huwa ma ghamilx it-test tat-tejorija, tistax tinstab htija fir-rigward tar-reat minuri, tal-frodi innominat, kif previst fl-artikolu 309 tal-Kapitolu 9. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Apelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsgwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi f'dana il-kaz il-gidba trid twassal necessarjament sabiex il-vittma, li f'dana il-kaz jidher illi huwa l-Awtorita Dwar it-Trasport, tigi ingannata, bil-konsegwenza illi hija trid tkun sofriet xi telf patrimonjali, liema telf iwassal ghall-arrikkiment favur l-imputat. Illi fil-kaz in dizamina, kif gie ampjament issotolinjat iktar 'il fuq, dana it-telf irid ikun telf materjali jew ekonomiku. Dana ma jistax ikun xi telf virtwali, izda id-*diminutio patrimonii* irid jissarraf fi flus. Illi ma jirrizultax illi l-Awtorita Dwar it-Trasport sofriet xi telf patrimonjali u lanqas ingiebet xi prova f'dana ir-rigward. Il-hlasijiet li kellhom isiru jidher illi saru kollha da parti ta'l-imputat u ghalhekk lanqas ma wiehed jista' ighid illi l-Awtorita hallset xi spejjes sabiex isir dana it-test, ghaliex jekk kien hemm xi spejjez, dawna gew koperti mill-imputat. Illi ghalhekk lanqas taht dana id-dispost tal-ligi, il-Qorti ma tista' issib htija.

Illi fl-ahharnett, l-Prosekuzzjoni tikkontendi illi fl-aghar ipotesi l-imputat jista' jigi misjub hati ta' komplicita' fil-kummissjoni ta' dana ir-reat mad-driving instructor tieghu u cioe' ma' certu Delmar, li lanqas ismu ma jirrizulta mill-atti processwali. Illi kif diga gie sottolinjat, iktar 'il fuq, provi ghar-rigward x'kien dak illi ghamel dana Delmar, ma jirrizultawx mill-atti processwali. Illi l-ligi taghna titkellem fuq il-komplicita fid-delitti fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali fejn telenka ic-cirkostanzi kollha fejn persuna tista' tisejjah komplici f'reat. Illi l-Qorti ma tistax tasal sabeix tistabbilixxi taht liema kap tal-ligi, l-imputat jista' jinstab hati bhala komplici, peress illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta x'kien dak illi ghamel l-imputat sabiex huwa ma jaghmilx it-test tat-tejorija. Mill-istqarrija tieghu jidher biss illi huwa esprima dina x-xewqa ma'l-*instructor* tieghu, li ma jaghmilx dana it-test ghax kien qed jibza' minnu u sussuegwentement fil-fatt dana it-test ma ghamlux. Irid jinghad illi mill-provi migjuba lanqas ma jirrizulta jekk effettivament kienx bis-sahha ta' xi azzjoni maghmula da parti ta' dana Delmar, (li ismu mhux maghruf lanqas), illi l-imputat irnexxielu jevita it-test tat-tejorija! Dana ghaliex jerga' jinghad, dak li fil-verita sehh, l-imputat ma jafx. Jaf biss illi huwa it-test ma giex imsejjah biex jaghmlu u daqshekk! L-ebda ordni ma giet moghtija lil Delmar, l-

ebda rigal jew weghda ma giet moghtija, l-ebda eghmil qarrieqi ma gie uzat mill-imputat. Lanqas ma wiehed jista' ighid illi huwa xewwex, jew ghen jew assista lil xi hadd fil-kummissjoni tar-reat jew li huwa b'xi mod ikkompensa lil xi hadd wara li ottjena il-licenzja tieghu tas-sewqan. X'kienet l-intenzjoni unika jew l-hekk imsejjha *common design* bejn l-awtur u l-komplici fil-kummissjoni ta' dana ir-reat, ma giex ippruvat. Kwindi l-Qorti ma tistax lanqas issib lill-imputat hati ai termini ta'l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, peress illi l-akkuza ma tirrizultax fid-dawl tal-provi prodotti, tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------